

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9500/22

CDR 58

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li taħtar membru,
propost mir-Renju tan-Netherlands,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Netherlandiż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/2294¹, li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Henk STAGHOUWER, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Johan HAMSTER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament akkontabbli quddiem assemblea eletta, *Lid van de Gedeputeerde Staten van de provincie Groningen ("Gedeputeerde")* (Membru tal-Eżekuttiv Provinċjali tal-Provinċja ta' Groningen (Ministru Reġjonali)), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2294 tal-20 ta' Diċembru 2021 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 517).

Artikolu 1

Is-Sur Johan HAMSTER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament akkontabbli quddiem assemblea eletta, *Lid van de Gedeputeerde Staten van de provincie Groningen* ("*Gedeputeerde*") (Membru tal-Eżekuttiv Provinċjali tal-Provinċja ta' Groningen (Ministru Reġjonali)), huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-15 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
